MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 75/2007

**A f'isimha proprju u in rappreżentanza tal-minuri C**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-22 Frar, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Rachel Mallia tal-24 ta' Lulju tas-sena 2006, l-esponenti u l-konvenut B kkonkludew is-separazzjoni personali ta' bejniethom, kopja ta' liema kuntratt qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. DA1;

Illi permezz tal-istess kuntratt, il-partijiet ftehmu *inter alia* illi l-kura u kustodja tal-minuri C li llum għandu mhix-il

sena għandha tkun vestita f'idejn il-partijiet konġuntivament;

Illi *inoltre* l-partijiet ftehmu illi r-residenza prinċipali tal-minuri għandha tkun fir-residenza tal-esponenti, bi dritt ta' aċċess liberu favur il-konvenut u bi provvedimenti opportuni fl-eventwalita' ta' nuqqas ta' qbil;

Illi minkejja dan il-ftehim bejn il-partijiet, il-minuri qiegħed jirrifjuta li jqatta' ħin ma' missieru meta l-istess missier jiddeċiedi li jeżerċita' d-dritt ta' aċċess tiegħu, u dan minħabba l-aġir tal-missier konvenut fil-konfront tal-minuri kif ser jiġi pruvat tul il-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri**,** *inter alia,* għar-raġuni illi l-istess konvenut qiegħed jippretendi illi l-minuri jaċċetta bħala l-familja ġdida tiegħu lill-persuna li magħha qiegħed jikkoabita l-konvenut u l-familjari tagħha;

Illi *inoltre*, u *inter alia,* il-konvenut m'huwiex qiegħed jaqbel illi l-minuri għandu jagħmel l-eżamijiet opportuni sabiex huwa jaċċedi fi skola sekondarja, u qiegħed jinsisti illi l-minuri għandu jibqa' jattendi l-iskola San Andrea meta l-miżata f'din l-iskola tammonta għal iktar minn elf Lira Maltin (Lm1,000.00) fis-sena u meta l-partijiet m'humiex qegħdin f'qagħda finanzjarja li jibqgħu jħallsu din il-miżata, tant illi l-konvenut naqas ripetutament milli jħallas is-sehem tiegħu minn din l-istess miżata per konsegwenza ta' liema inadempjenza l-minuri qiegħed jiġi mċaħħad milli jirċievi r-riżultati tiegħu fil-ħin;

Illi din is-sitwzzjoni qegħda toħloq diversi problemi lill-minuri, liema problemi huma manifestati fl-aġir tal-istess minuri kemm fid-dar kif ukoll l-iskola, u għalhekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri illi jingħataw minn din l-Onorabbli Qorti dawk il-provvedimenti opportuni fl-interess suprem tal-minuri;

Illi *ai termini* tal-istess kuntratt il-partijiet qablu illi fi żmien ġimagħtejn mid-data tal-imsemmi kuntratt kellu jinfetaħ kont bankarju f'ismijiet konġunti sabiex fl-istess kont tiġi depożitat minn kull parti s-somma ta' sittin Lira Maltin (Lm60.00) bħala manteniment fil-konfront tal-minuri;

Illi madanakollu, il-konvenut B qatt ma ddepożita dan l-ammont fl-istess kont, u in vista ta' dan l-esponenti qed ikollha terfa' r-responsabbilta' ta' ħlas ta' dak kollu li jinħtieġ il-minuri;

Illi fil-5 ta' Diċembru 2006, l-esponenti proċediet *ai termini* tal-Avviż Legali ___/2003 u talbet lir-Reġistraturr tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex jipproċedi *ai termini* tal-Artikoli 4 *et seq.* tal-istess Avviż Legali;

Illi minkejja li saret seduta quddiem il-medjatur ________________, il-partijiet ma laħqu l-ebda ftehim bejniethom, u dan kif jirriżulta mill-atti tal-medjazzjoni li jġibu n-numru ____/__;

Għaldaqstant, jgħid il-konvenut għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi in vista taċ-ċirkustanzi viġenti, huwa fl-interess suprem tal-minuri illi jiġu varjati l-provvedimenti kontenuti fl-Artikolu 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr. Rachel Mallia tal-24 ta' Lulju 2006 hawn anness u mmarkat bħala Dok. ____;

2. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kura u l-kustodja tal-minuri C għandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-esponenti, bi dritt ta' aċċess tal-konvenut, dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa din il-Qorti fiċ-ċirkustanzi;

3. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi, bħala manteniment għall-minuri, dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-liġi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament u tnaqqis mill-paga tal-konvenut, li għandhom jiġu ffissati minn din il-Qorti fl-aħjar interess tal-minuri;

4. tagħti dak il-provvedimenti kollha li din il-Qorti tikkunsidra opportuni fiċ-ċirkustanzi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut B ppreżentata fis-7 ta’ Mejju, 2007 li permezz tagħha eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, l-esponenti jirrileva bir-rispett illi din għandha tiġi miċħuda u dan fl-interess suprem tal-minuri C, *stante* illi effettivament ma teżisti l-ebda raġuni li timmerita tali varjazzjoni u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni.

2. Illi kien anqas minn sena ilu li l-partijiet, wara sitt (6) snin sħaħ ta' negozjati, waslu għal ftehim dwar is-separazzjoni personali ta' bejniethom, inkluż dwar il-provvedimenti kollha rigwardanti binhom minuri, b'dan illi matul dan iż-żmien qasir ma kien hemm assolutament l-ebda tibdil fiċ-ċirkostanzi.

3. Illi effettivament l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u huma intiżi biss sabiex ir-rikorrenti tipprova tiżvija lil dina l-Onorabbli Qorti.

4. Illi meta ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni personali, l-partijiet qablu li l-kura u kustodja tal-minuri tkun waħda konġunta, proprju fl-interess tal-istess binhom, b'dan illi huma għarfu li l-minuri għandu bżonn l-involviment taż-żewġ ġenituri fil-ħajja tiegħu.

5. Illi għaldaqstant it-tieni talba tar-rikorrenti ċertament illi tmur kontra l-istess interessi tal-minuri u kontra dak illi ftehmu l-partijiet stess ftit tax-xhur ilu, b'dan illi l-istess talba għandha wkoll tiġi respinta fl-intier tagħha.

6. Illi l-esponenti jirrileva bir-rispett illi huwa dejjem kellu relazzjoni tajba ma' ibnu minuri kif fil-fatt għad għandu sa llum, tant illi kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, il-minuri mhux qed jirrifjuta li jmur għand l-istess esponenti.

7. Illi għall-kuntrarju preżentement il-minuri saħansitra qiegħed jiddekora l-kamra tiegħu li huwa

għandu fir-residenza tal-esponenti, b'dan illi *inoltre* huwa qiegħed iqatta' ħin twil ma' l-esponenti.

8. Illi kien biss għal ftit żmien illi l-minuri kien qed jirrifjuta li jara lill-esponenti u dan bħala riżultat dirett tal-aġir tar-rikorrenti li, wara li ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, għażlet illi tipprova tbiegħed lill-minuri mill-istess missieru, anke jekk b'detriment għall-istess binha.

9. Illi ċioe` l-istess sforzi tar-rikorrenti sfaw fix-xejn *stante* illi l-minuri m'huwiex bl-ebda mod qed jirrifjuta li jmur għand l-esponenti u għall-kuntrarju qed ikollu kuntatt regolari ta' *circa* tliet darbiet fil-ġimgħa.

10. Illi l-esponenti jirrileva ulterjorment illi meta ġie ffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni huwa kien diġa` fir-relazzjoni li għamlet referenza għaliha r-rikorrenti, u l-minuri kien diġa` jaf b'tali ċirkostanzi u aċċettahom, b'dan illi effettivament il-minuri għandu relazzjoni tajba kemm mal-*partner* tal-istess esponenti kif ukoll ma' bintha.

11. Illi *inoltre* l-istess rikorrenti konvenjentement naqset milli ssemmi l-fatt illi hija wkoll għandha relazzjoni ma' ħaddieħor, u ilha fl-istess relazzjoni għal dawn l-aħħar erba' snin.

12. Illi t-tielet talba attriċi għandha wkoll tiġi miċħuda fl-intier tagħha *stante* illi mid-data tal-kuntratt ma kien hemm assolutament l-ebda tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet li b'xi mod jiġġustifika tali talba, b'dan illi r-rikorrenti taħdem *full-time* il-bank filwaqt illi l-impjieg tal-esponenti baqa' l-istess.

13. Illi meta ġie ffirmat il-kuntratt il-partijiet qablu li jkomplu jħallsu, kif *del resto* dejjem għamlu, għall-iskola tal-minuri, b'dan illi f'dak iż-żmien is-sitwazzjoni finanzjarja kienet l-istess bħala ma hi llum.

14. Illi f'dan ir-rigward l-esponenti jirrileva bir-rispett illi jkun ta' ħsara għall-minuri li huwa jbiddel l-iskola fi stadju daqshekk avvanzat tal-istudji skolastiċi tiegħu, b'dan illi kuntrarjament għal dak allegat mir-riorrenti l-

minuri sejjer tajjeb ferm l-iskola u dan kif ser jirriżulta mill-provi li ser jitressqu fil-kawża odjerna.

15. Illi għal dak illi jirrigwarda d-depożitu ta' sittin Lira Maltin (Lm60.00) fix-xahar, l-esponenti jirrileva bir-rispett illi r-rikorrenti stess qatt ma ddepożitat l-istess flus fil-kont illi kien infetaħ għal dak l-iskop, u lanqas iċ-*children's allowance* li hija kellha tiddepożita.

16. Illi għaldaqstant ir-raba' talba għandha wkoll tiġi miċħuda.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriżi d-diversi digrieti li ngħataw minnha;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar 2010 li permezz tiegħu wara li l-attriċi rrinunzjat għall-ewwel żewġ talbiet tagħha, il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-partijiet iddikjaraw li jaqblu l-kawża tiġi deċiża skond id-digriet tal-4 ta' Frar 2008,

Ikkunsidrat;

Illi *stante* r-rinunzja tal-attriċi dwar l-ewwel żewġ talbiet il-Qorti baqagħlha biss tiddeċiedi dwar it-tielet talba. Billi l-partijiet qablu li din id-decizjoni tingħata skond id-digriet tal-4 ta' Frar 2008 illi kien ingħata fuq talba li kienet għamlet l-attriċi fid-9 ta' Novembru 2007 l-Qorti se tgħaddi biex tagħmel dan.

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi l-kawża billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni talba *stante* r-rinunzja attriċi, kif ukoll mir-raba' talba billi ma hemmx lok li l-Qorti tagħti provvedimenti ulterjuri. Tilqa' pero' t-tielet talba u tordna li l-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mija u disgħa u tletin Ewro u**

**sitta u sebgħin ċenteżmu (€139.76) bħala manteniment għall-minuri.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------